MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 38/2007

**Perit Carmel Mifsud (ID. Nru: 984948M)**

**Vs**

**Felix Agius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex m'ghandux jkun ikkundannat:

1. Prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li l-allegazzjonijeit kontenuti fit-titolu u fil-kontenut tal-artiklu intitolat "Donazzjonijiet lill-PN minn Flus il-Poplu" ippublikat fil-pagna 6 tal-harga tal-gurnal Kull Hadd tas-17 ta' Dicembru, 2006 – ta' liema gurnal inti l-editur – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu.

2. Thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ai termini tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Rat ir-risposta tal-konvenut, fol 9 tal-istess atti u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi in linea preliminari ghandu jigi ppruvat illi l-konvenut Agius fid-data li gie ppublikat l-artiklu de quo kien fil-fatt l-editur tal-gurnal KullHadd.

2. Illi l-artikolu de quo jikkostitwixxi “fair comment” f’socjeta’ demokratika u l-verita’ tal-fatti, hekk kif se jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali id-digriet moghti fit-8 ta’ Novembru, 2011 a fol 52 sa fol 62 ibid kif ukoll l-atti kollha tal-kawza “Perit Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia” (Avviz numru 34/07SM) deciza finalment mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Novembru, 2011 kif presjeduta mill-Imhallef Raymond Pace.

**Ikkunsidrat**

Illi l-attur dwar l-artikolu in esami esebit bhala Dok A, gja msemmi, xehed permezz ta’ “affidavit” a fol 21 et seq ibid, sostnut b’diversi dokumenti a fol 25 sa fol 31 ibid, illi hu jokkupa l-kariga ta’ Direttur Generali fis-sezzjoni tal-Ministeru msemmija. Dwar is-salarju tieghu, dan johorg minn kuntratt b’dak esebit 25 bhala dak operattiv fil-perjodu in esami, bil-paga mizjuda b’ “allowance”.

Inoltre hu intitolat ghall-uzu b’xejn ta’ telfon u dan anke ghal skopijiet personali minghajr xi tip ta’ kwalifika. L-uzu ta’ din il-facilita hi regolata minn “memo” li hu wkoll esbit a fol 27 u fol 28 ibid. Dwar in-numru ta’ din il-facilita, dan hu 21639839 u ghandu restrizzjoni wahda in konnessjoni ma’

“overseas calls” li ma jkunux relatati max-xoghol tieghu f’din il-kariga f’liema kaz dawn ghandhom jithallsu minnu direttament u personalment. Wara li spjega l-procedura dwar kif jsiru pagamenti ta’ dawn it-tip ta’ kjamati u donazzjonijiet hu sahaq li mexa, b’mod skrupoluz mad-direttivi u dan skont l-annessi dokumenti markati numru Dok MB3 sa Dok MB7 minn fol 29 sa fol 31 ibid bl-original tal-istess dokumenti esebiti fil-kawza hawn fuq imsemmija numru 34/07SM.

Sussegwentement hu spjega fejn hass ruhu mmalafamat fl-artikolu in esami. Hawnhekk hu rrefera ghal dak li hu miktub u mnizzel fit-titolu tal-artikolu, fil-kliem li jsemmi “...l-agir tieghu...” bhala skandaluz u fl-allegazzjonijiet li hu ghamel donazzjoni fil-partit politiku minn flus il-poplu u anke taht il-kont muri inoltre hu filfatt, kif jidher mill-imsemmija dokumenti hu kien hallas, minn flusu, kemm ghall-“overseas calls” kemm ghad-donazzjonijiet. Hu kompla billi qal illi dejjem qeda, fedelment, diversi karigi anke taht diversi gvernijiet anke ta’ kulur politiku differenti. Inoltre ma kienx membru ta’ xi partit politiku.

Dwar id-donazzjoni in esami, hu kien hallasha “...qabel ma thallas il-kont tat-telephone mill-Gvern”. Ghalhekk hu rrefera ghal dak allegat fl-istess artikolu bhala “gidba”, fis-sens li kien minnu li d-donazzjoni l-ewwel thallset permezz tat-telefon personali tieghu izda sussegwentement thallset minn flusu u mhux minn flus il-poplu, kif gie allegat. Fl-istess “affidavit” hu rrakkonta l-impatt negattiv li l-istess artikolu kellu fuq il-hajja socjali tieghu dejjem minhabba l-artikolu in esami li “...jaghmel verita minn gidba u cjoe li jien qed naghmel uzu hazin minn flus il-poplu li mhux minnu” (ara wkoll ix-xhieda ta’ Mario Rogers a fol 32 u fol 33 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi Gaetano De Gabriele (fol 18 ibid) spjega li l-konvenut kien, filfatt l-editur tal-gazzetta fid-data li l-artikolu in kwistjoni gie ppublikat.

**Ikkunsidrat**

Illi da parti tal-konvenut, ma ngiebet ebda prova in sostenn tat-tieni (2) eccezzjoni hlief li kien talab li jigu annessi ma' dawn l-atti, dawk tas-sentenza hawn fuq imsemmi (ara fol 2 et ibid) liema talba kienet giet milqugha.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti annessi u li jirreferu ghall-avviz numru 34/07SM – Appell numru 12/2011/RCP jidher li din il-kawza kellha l-istess attur izda b'konvenut differenti waqt li l-mertu trattat hu identitku fl-istess zewg kawzi. F'din is-sentenza, jinghad testwalment "...jirrizulta li l-artikolu kien qed jsostni li tali donazzjoni thallset mill-Gvern meta l-provi kollha juru li tali donazzjoni effettivament thallset mill-attur u allura f'dan il-kuntest jirrisulta li ... l-artikolu kien malafamanti fil-konfront tal-attur ghaliex timplika li l-atur kien uza fondi tal-Gvern sabiex ghamel donazzjoni personali lill-Partit Nazzjonalista meta fil-verita l-attur hallas, huwa stess, ghall-istess donazzjoni". L-istess sentenza tghid illi l-artikolu ghalhekk ma kienx korrett u lanqas veritjier.

**Ikkunsidrat**

Illi waqt li jinghad illi l-artikolu in esami kein fl-interess tal-pubbliku u waqt li jigi asserit illi ufficjali li jizvolgu kariga pubblika u ghandhom jkunu skrutinati fl-esekuzzjoni tal-kariga taghhom anke sottomessi ghall-kritika harxa li tista' twegga' hu minnu wkoll li tali kritika ghandha tkun bazata fuq fatti veritijieri u mhux fuq gidba jew bhal, fil-kaz in esami fuq nofs verita u nofs gidba kif spjegat qabel f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi, ghalhekk, premess li l-artikolu in esami hu, filfatt, malafamanti u libelluz kif spjegat, il-Qorti sabiex turi konssitenza ser tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' hames mitt ewro (€500) a bazi tal-artikolu 248 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:-

1. tiddikjara li l-allegazzjonijiet kontenuti fit-titolu u fil-kontenut tal-artikolu in esami msemmi fir-rikors promotur huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u kellhom bhala skop li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tal-istess attur.

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ hames mitt ewro (€500).

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt ewro (€500) bl-imghax legali trattasi ta’ ammont li kellu jigi likwidat mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------